MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 228/2002/1

**Paul u Antoinette konjugi Micallef**

**vs**

**Doris Schembri u Maria Dolores Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mija lira Maltija (Lm1500), sborsati mill-atturi bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fis-Siggiewi fit-22 ta' Gunju 2001 meta waqt li l-konvenuta Doris Schembri kienet qed issuq vettura Nru. GAL-362 u l-konvenuta Maria Dolores Cassar kienet qed ssuq vettura Nru. ABG-561 saret habta mal-vettura nru. ABF-305, propjeta' ta l-atturi u misjuqa mill-attur Paul Micallef – ghal liema incident il-konvenuti kienu responsabbli – jew min minnhom.**

**Oltre d-danni attrici, il-konvenuti – jew min minnhom – ghandhom ihallsu l- ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' Awissu, 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Settembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghall-fini tan-notifika taz-zewg socjetajiet assikurattrici tal-konvenuti skond il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien ma' l-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta Doris Schembri fit-28 ta' Frar, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-eccipjenti Doris Schembri ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenuta l-ohra Maria Dolores Cassar, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Maria Dolores Cassar, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta Maria Dolores Cassar prezentata fl-1 ta' Marzu, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti kontra l-attur billi l-meritu ta' dina l-kawza gara unikament minhabba t-tort u t-traskuragni tal-konvenut l-iehor u dan kif inhu maghruf lill-istess attur illi ghamel dikjarazzjoni apparti f'dana s-sens lill-pulizija meta din investigat il-kaz;**
**Illi d-danni reklamati huma esagerati.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Micallef, PS 1298 Lambert Zammit, Antoinette Micallef, Maria Dolores Cassar, Doris Schembri, Francis Schembri u Joseph Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Gunju, 2001, fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, bejn il-vettura bin-numru ta'**

**registrazzjoni ABF-305 misjuqa minn Paul Micallef, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAL-362 misjuqa minn Doris Schembri, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABG-561 misjuqa minn Maria Dolores Cassar. L-incident gara ghall-habta tas-1pm..**

**2. Jirrizulta li l-attur kien qed isuq f'Siggiewi By-Pass gej mid-direzzjoni tas-Siggiewi u sejjer fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug, L-attur kellu lill-martu Antoinette Micallef passiggiera mieghu. Skond l-attur waqt li ghaddej fi triqtu, f'hin minnhom daret karrozza Mitsubishi numru GAL-362 ghall-fuqu. Din il-vettura kienet gejja mid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug u riedet taqbad it-triq li taghti ghac-centru tas-Siggiewi. Ma deherlux li din kellha indicator mixghul. Din zammet brake u tefatu fuq roundabout zghira. Minn wara din il-vettura ghaddiet vettura ohra ossija dik bin-numru ABG-561. L-attur qabel ma' l-isketch esibit. L-attur jikkonferma li kienet Scehmbri li dahlet fih u li l-vettura ta' Cassar ra wara.**

**3. Jirrizulta li l-vettura ta' l-attur kellha hsara fuq quddiem lejn in-naha tal-lemin, fuq il-mudguard u fuq gewwa, filwaqt li l-vettura ta' Schembri kellha hsara fuq quddiem u fuq wara, u l-vettura ta' Cassar kellha hsara fuq quddiem.**

**4. Antoinette Micallef xehedet li meta kienu waslu fil-fetha, ossija f'dik il-parti fejn hemm it-triq li taghti ghall-pjazza, il-vettura tal-konvenuta Schembri kisret ghall-fuqhom. Hi semghet daqqa wahda.**

**5. Skond il-konvenuta Cassar li kienet ghaddejja fid-dritt il-vettura ta' qabilha kellha l-indicator mixghul, u din daret u baqghet hierga, u ghalhekk peress li quddiema ma kienx hemm ostakoli, Cassar tghid li baqghet ghaddejja. Hi teskludi li kienet hi li l-ewwel habtet fil-vettura GAL-362, u li b'hekk din habtet fil-vettura ta' l-attur. Hi tghid li l-ewwel semghet habta, u ezatt wara semghet il-habta taghha. Hi tghid li l-vettura GAL-362 f'ebda waqt ma waqfet qabel ma**

**daret. Il-hsara ta' Cassar kienet fuq il-mudguard ta' quddiem in-naha tal-lemin.**
**6. Frances Schembri, omm il-konvenuta u passiggiera fuq quddiem fil-vettura tal-konvenuta Schembri, tghid invece li bintha xeghelet l-indicator sew qabel, u waqfet biex iddur lejn it-Triq li taghti ghall-pjazza. Din qalet li semghet hoss minn wara u daru u hadithom il-vettura li kienet gejja fil-karreggjata l-ohra. Skond ma xehedet peress li l-vettura ta' l-attur kienet ghada il-boghod il-konvenuta Schembri: "Waqfet u baqghet miexja." Tghid li l-ewwel daqqa giet mill-vettura ta' wara.**

**7. Il-konvenuta Schembri tikkonferma li kellha l-indicator mixghul u li waqfet biex tidhol fit-triq li taghti ghall-pjazza. Tghid hekk: "Jiena wara li waqaft kelli daqqa minn wara u wara din giet id-daqqa minn quddiem." Ix-xhud ma taqbilx ma dak li xehedet ommha in kwantu din tghid li kienet qed tistenna lill-attur jghaddi. Schembri tinsisti li l-ewwel daqqa giet mill-vettura ta' warajha.**

**8. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghall-versjonijiet moghtija mis-sewwieqa "a tempo vergine" u li tnizzel fir-rapport tal-Pulizija. Il-konvenuta Schembri tghid li xeghelet l-indicator biex iddur, meta qalet daqqa minn wara u dawritha ghal fuq l-attur. Il-konvenuta Cassar tikkonferma li Schembri xeghelet l-indicator biex iddur, pero` tghid li din habtet ma' l-attur u wara habtet fiha. L-attur qal li ra lill-konvenuta Schembri ddur f'daqqa, zammet brake u habtu. Giet il-vettura ta' Cassar u laqtitha wara.**

**9. Ghalhekk jirrizulta li fil-fatt il-konvenuta Schembri kellha l-indicator mixghul, pero` jirrizulta li din kienet qed tipprova taqsam, ghalkemm kien gej l-attur. Hi riedet u kienet ser tipprova taqsam il-karreggjata tieghu. F'dan ir-rigward jinghad li Schembri ma zammitx id-debita diligenza kif rikjest. Ghax ma kienx bizzejjed li taghmel is-sinjal. Hi kellha tistenna u tara li ghaddu l-vetturi l-ohra qabel ma taqsam il-karreggjata li minnha kien ghaddej l-attur.**

**10. Dwar l-impatti li sehhu jigi rilevat li dawn tant sehhu vicin xulxin li mart l-attur semghet daqqa wahda. Huwa tassew verosimili li kien hemm biss xi sekonda bejn impatt u iehor. Jigi rilevat ukoll li kif jirrizulta mill-iskizz l-attur kellu ghoxrin metru “brake mark”. Dana qed jinghad ghaliex jindika li l-attur kien gie kostrett jzomm brake fsalt meta l-konvenuta Schembri invaditlu l-karreggjata mill-liema kien ser jghaddi. Bid-daqqa mal-attur il-vettura ta’ Schembri daret.**

**11. Ghalhekk it-Tribunal jinnota li l-konvenuta Cassar ma kienetx qed izzomm “a proper look out” ghat-traffiku ta’ quddiema, filwaqt li l-konvenuta Schembri kienet qed tinvadi l-karreggjata ta’ l-attur. Mix-xhieda ghalhekk jirrizulta li fil-fatt l-incident gara tort tal-konvenuta Schembri, u li d-daqqa moghtija mill-konvenuta Cassar ikkontribwiet ghall-incident. Ghalhekk qed isib lill-konvenuta Schembri responsabbli fi grad ta’ zewg terzi, u lill konvenuta Cassar responsabbli fi grad ta’ terz.**

**12. Id-danni rizultanti mill-kollizzjoni huma dawk li jirrizultaw mid-dokumenti esibiti Dok.1 sa Dok.17. It-Tribunal ma jqiesx li ghandu jikkunsidra f’dawn id-danni dak li huwa hlas ghall VRT fl-ammont ta’ disa’ liri u disgha u ghoxrin centezmu (Lm9.29). Ghalhekk it-total tad-danni huwa ta’ elf erba’ mija u erba’ u disghin lira Matija u erba’ centezmi (Lm1494.04). Ghalhekk in kwantu qed isib lill-konvenuta Schembri responsabbli fi grad ta’ zewg terzi din ghandha thallas lill-attur is-somma ta’ disa’ mija u sitta u disghin lira Maltija u zewg centezmi (Lm996.02) filwaqt li l-konvenuta Cassar ghandha thallas is-somma ta’ erba’ mija u tmienja u disghin liar Maltija u zewg centezmi (Lm498.02).**

**Ghaldaqstant ghall-incident in kwistjoni il-konvenuta Doris Schembri kienet tahti fi grad ta’ zewg terzi**

**filwaqt li l-konvenuta Maria Dolores Cassar kienet tahti fi grad ta' terz kif fuq inghad, u konsegwentement it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta Doris Schembri thallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u sitta u disghin lira Maltija u zewg centezmi (Lm996.02), u lill-konvenuta Cassar thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tmienja u disghin liar Maltija u zewg centezmi (Lm498.02), bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont imsemmija mill-4 ta' Frar, 2002.**

**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' Awissu, 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Settembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghall-fini tan-notifika taz-zewg socjetajiet assikuratrici tal-konvenuti skond il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenuta Doris Schembri u in kwantu ghall terz mill-konvenuta Maria Dolores Cassar.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------